# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAD-19 TA' OTTUBRU, 2023**

**Kawża Numru: 6**
**Rik. Ġur. 1262/2018 RGM**

**Charlette Ciantar**

**vs**

**Dr Katiucha Gatt Galea eżerċenti n-negozju that l-isem *Vets on Wheels***

**Il-Qorti**

1. B'rikors ġuramentat ippreżentat fit-18 ta' Diċembru 2018, l-attriċi Charlette Ciantar fissret u talbet is-segwenti:

    1. "Fis-sena elfejn u sittax (2016) l-intimata Dottor Katiucha Gatt Galea – veterninarju – ġiet inkarigata mir-rikorrenti sabiex tieħu ħsieb iż-żiemel tat-tiġrijiet proprjetà tagħhom bl-isem 'Super Otto", li kien inxtara għall-prezz ta' tnejn u tletin elf, disa' mija u wieħed u sebgħin euro (€32.971).

    2. Wara intervent mediku mill-intimata fuq iż-żiemel 'Super Otto" dan beda sejjer lura fiżikament tant illi kellu jintbagħat għat-testijiet u trattamenti mediċi ulterjuri ġewwa l-klinika Franċiża bl-isem Cirale IPC.

3. Hemmhekk irriżulta li ż-żiemel 'Super Otto' kien qiegħed ibati minn infezzjoni li għaliha ma kienx hemm fejqan; kien għalhekk illi fis-sitta (6) ta' Mejju elfejn u sittax (2016) iż-żiemel kellu jiġi mraqqad.

4. Irriżulta ukoll li din l-infezzjoni nibtet unikament frott l-imperizja, in-negliġenza u/jew in-nuqqas ta' teħid tal-miżuri neċessarji ta' u da parti tal-intimata fl-eżerċizzju tal-professjoni tagħha *inter alia* fil-mod u l-manjiera tal-kura adoperata minnha.

5. Konsegwenza ta' dan ir-rikorrenti sofriet diversi danni, fosthom iżda mhux limitatament għal telf ta' qliegħ futur, kif ukoll spejjeż oħra.

6. Minkejja li l-intimata ġiet interprellata diversi drabi sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' danni sofferti mir-rikorrenti, inkluż b'ittra uffiċjali datata wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu elfejn u tmintax (2018) (Dok. A) hija baqgħat inadempjenti.

7. Il-fatti hawn fuq esposti kollha magħrufa personalment mir-rikorrenti.

Raġuni tat-talba

8. Minħabba l-imperizja u/jew negliġenza u/jew in-nuqqas ta' teħid tal-miżuri neċessarji ta u dan parti tal-intimata fl-eżerċizzju tal-professjoni tagħha *inter alia* fil-mod u manjiera tal-kura adoperata, kellu jiġi mraqqad iż-żiemel, proprjetà tar-rikorrenti, bl-isem Super Otto; konsegwenza ta' dan ir-rikorrenti sofriet danni, inkluż iżda mhux limitatament għal telf ta' qliegħ futur, kif ukoll spejjeż oħra.

9. Għalhekk kellhom jiġu mibdija dawn il-proċeduri.

Tgħid għalhekk l-intimata 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċessarja u opportuna:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimata hija unikament responsabbli għall-mewt taż-żiemel 'Super Otto', prprjeta' tar-rikorrenti;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi kaġun ta' imperizja u/jew negliġenza u/jew nuqqas ta' teħid tal-miżuri neċessarji ta' u da parti tal-intimata fl-eżerċizzju tal-professjoni, ir-rikorrenti sofriet danni, fosthom iżda mhux limitatament, telf ta' qliegħ;

3. Tillikwida, jekk tħoss il-ħtieġa permezz ta' periti nominati, id-danni u l-ispejjeż kollha sofferti mir-rikorrenti konsistenti, fost oħrajn, fi spejjeż u telf ta' qliegħ futur;

4. Tikkundanna lill-intimata tħallas lir-rikorrenti dawk id-danni u spejjeż hekk likwidati skont it-talba preċedenti:

Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż kontra l-intimata, li tinsab minn issa inġunta għas-subizzjoni."

2. Il-konvenuta, l-veterinarja Dr. Katiucha Gatt Galea ippreżentat ir-risposta ġuramentata tagħha fil-15 ta' Marzu 2019 fejn laqgħet għat-talbiet attriċi billi eċċepiet is-segwenti:

1. "Preliminarjament, ir-rikorrenti Charlette Ciantar għandha tipprova l-interess ġuridiku tagħha u tagħti prova ta' titolu taż-żiemel in kwistjoni u ġġib prova li hi kienet l-proprejtarja taż-żiemel *Super Otto*.

2. Mingħajr preġudizzju, ġie ffirmat *Consent Form* fejn, fir-rigward ta' proċeduri mediċi li saru mill-esponent fuq iż-żiemel, ġiet eskluża kwalunkwe forma ta' responsabbilta' tal-esponenti għal telf, ħsara, dannu jew korriment minħabba l-fatt li fir-rigward ta' trattament li kien ser jingħata liż-żiemel kien fih ċertu riskji;

3. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti tirrispondi ukoll li hi ma kinitx l-unika persuna li tat kura u assistenza f'Malta liż-żiemel Super Otto fiż-żmien rilevanti għal din il-kawża;

4. Mingħajr preġudizzju ukoll, l-esponenti tiċħad li hi aġixxiet b'xi mod b'imperizja u/jew negliġenza u/jew li naqset milli tieħu miżuri neċessarji waqt li kienet qed tagħti kura liż-żiemel u/jew kkanġuat xi danni. It-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż. L-eċċepjenti dejjem qdiet l-obbligi professjonali tagħha skont il-liġi, bl-għaqal, attenzjoni, prudenza u reqqa u bl-ebda mod ma' naqset mill-obbligli tagħha fir-rigward taż-żiemel *Super Otto* ;

5. Mingħajr preġudizzju, l-attriċi pproċediet b'dawn il-proċeduri u l-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment biss biex tagħmel pressjoni u ħsara professjonali u finanzjarja fuq l-eċċipjenti u għaldaqstant dawn il-proċeduri jikkositwixxu abbuż ta' dritt.

6. Salv kull eċċezzjoni oħra skont il-liġi;

7. Bl-ispejjeż.

**Il-Fatti**

1. Fir-rigward tal-ewwel paragrafu tar-rikors ġuramentat, l-esponenti tirrispondi li hi ġiet rikjesta tagħti kura liż-żiemel Super Otto.. L-esponenti ma tistax tikkummenta dwar il-prezz li bih inxtara ż-żiemel u din il-prova trid tinġieb flimkien mal-prova ta' min fil-fatt xtrah.

2. Fir-rigward tat-tieni paragrafu, l-esponenti tgħid li l-fatti kif esposti mhumiex koretti. L-esponenti infurmata li meta wasal Malta ma kienx qed jiġri u jtellaq kif suppost u fiżikament diġa' kien qed ibati. Fil-fatt, kien proprju għalhekk li l-esponenti intalbet tagħti kura liż-żiemel. L-interventi mediċi li saru mill-esponenti dejjem saru skont is-sengħa u l-arti u qatt ma aġixxiet b'xi mod mhux professjonali, jew b'imperizja jew negliġenza. Kull proċedura li hi wettqet fuq iż-żiemel, dejjem ġiet implimentata f'ambjent stabbli kemm jista' jkun u li kien l-iktar sterili possibbli. Il-persuni li kienu preżenti u talbu s-servizz tal-esponenti kienu konsapevoli tal-fatt li fir-rigward ta' din il-proċedura dejjem hemm element ta' riskju u hemm possibilita' li jkun hemm xi infezzjoni. L-għaliex fill proċedura kien jinvolvi ċertu element ta' riskju, l-esponenti talbet li jiġi iffirmat *consent form*. Dan il-*consent form* ġie ffirmat fil-5 ta' Marzu 2016 (ara Dok A anness mar-risposta ġuramentata) u kien jipprovdi kif ġej:

   > "I accept there may be certain risks to the life of the horse which could occur as a result of the proposed treatment. The risks have been fully explained to me. I appreciate that whilst reasonable care and attention will be given to the horse, no member of the practice shall be liable for loss, damage or injury resulting from treatment or otherwise."

   Jingħad li wara li tat il-kura l-esponenti, iż-żiemel ġie il-quddiem. Jingħad ukoll li l-esponenti ma kinitx l-uniku persuna li tat kura liż-żiemel fiż-żmien in kwistjoni.

Ma hemm l-ebda informazzjoni li twassal sabiex wieħed jikkonkludi li l-infezzjoni, li wasslet sabiex iż-żiemel kellu jiġi mraqqad, nibdet minħabba xi aġir jew azzjoni tal-esponenti u wisq anqas li kien hemm xi imperizja, negligenza jew nuqqas ta' teħid tal-miżuri neċessarji da parti tal-esponenti. L-esponenti dejjem aġixxiet skont is-sengħa u l-arti u dejjem adoperat il-kura neċessarja.

3. Fir-rigward tal-ħames u s-sitt paragrafu, l-esponenti tirrispondi li hi mhix responsabbli għall-ebda danni u qed tannetti kopja tar-risposta għall-ittra uffiċjali li rċeviet liema risposta hija datata 30 ta' April 2018."

3. Rat l-atti kollha tal-kawża.

4. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi ppreżentata fil-15 ta' Marzu 2023[1] kif ukoll tal-konvenuta ippreżentata wkoll fil-15 ta' Marzu 2023[2], u nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri tal-konvenuta ppreżentata fit-13 t'April 2023[3].

5. Wara li semgħet it-trattazzjoni finali tal-avukati tal-partijiet ħalliet il-kawża għas-sentenza.

Ikkunsidrat

**Provi**

6. L-**attriċi** xehdet permezz t'affidavit fejn bdiet billi qalet li hija sid iż-żiemel bl-isem *Super Otto*. Tgħid li kien missier il-*partner* tagħha, Carmelo Farrugia li għan-nom tagħha xtara l-imsemmi żiemel għal prezz ta' CHF300,000 ekwivalenti għal €32,971. Spjegat li *Super Otto* ġie reġistrat fuq mart Carmelo Farrugia, ċioe Mathilda Farrugia u baqa' hekk reġistrat sal-5 t'April 2016. Fis-6 t'April 2016, wara li hija ħallset taż-żiemel lil Farrugia, l-imsemmi ġie formalment reġistrat fuqha. Tinsisti iżda li ż-żiemel dejjem tagħha kien u kienet hi li riedet tixtrih. Tgħid li qabel xtratu saru ċ-*check ups* kollha meħtieġa. Tgħid li l-ħsieb tagħha li xtratu kien sabiex ikun jista' jtellaq il-Marsa u peress li ż-żiemel kien ta' ċertu kalibru, kien ser jintuża għat-tlielaq tal-*Premier*. Spjegat li qabel l-intervent li sar minn Dr. Gatt Galea, iż-żiemel ħa sehem fi tlett itlielaq. Tgħid li hija prattika normali li meta żiemel ikun tat-tiġrija, jingħata diversi trattamenti sabiex ikollu prestazzjoni mill-aqwa. Tgħid li kien Ġiljan Farrugia, il-

[1] Fol 241 et seq tal-proċess.
[2] Fol 268 et seq tal-prċoess.
[3] Fol 306 et seq tal-proċess.

persuna li kien isuq l-imsemmi żiemel, li ssuġġerixxa lil Dr. Gatt Galea u kien għalhekk li għamlet kuntatt magħha. Tgħid li Dr. Gatt Galea kienet tirriklama lilha nnifisha bħala esperta f'dan il-qasam u kellha teknoloġija avvanzata. Kompliet tispjega li Dr. Gatt Galea kienet marret fuq il-post fejn kienet iżżomm iż-żiemel u wara li daret iż-żiemel, hija kienet iffokat fuq dik il-parti taż-żiemel magħrufa bħala *hock*. Tgħid li fl-24 ta' Marzu 2016, Dr. Gatt Galea kienet tagħtu injezzjoni fl-imsemmija parti. Tgħid li kien f'din il-parti li *Super Otto* żviluppa infezzjoni, kif kien ġie ikkonferma mill-klinika Franċiża fejn ħaditu ftit tal-ġranet wara li ingħata l-imsemmija injezzjoni. Tgħid li dawn kienu infurmawha li l-infezzjoni kienet twieldet madwar tlieta jew erba' ġimgħat qabel, liema tikkorispondi maż-żmien li Dr. Gatt Galea kienet amministrat l-injezzjoni. Kompliet tgħid li hija ma tafx x'kien fiha l-injezzjoni imsemmija u lanqas qatt ingħatat irċevuta jew qaltilhom x'*batch number* kienet tifforma parti minnha dik il-mediċina. Spjegat li l-għada li ingħata l-injezzjoni sieqi (il-post fejn ingħata l-injezzjoni) bdiet tintefaħ. Kien għalhekk li hija infurmat lil Dr. Gatt Galea b'dan u qaltilha sabiex tagħti ftit ċans u sa dan it-tant tapplikalu s-silġ, però siequ baqgħet tintefaħ. Tgħid li kien biss jumejn wara u ċioe fis-26 ta' Marzu 2016 li Dr. Gatt Galea bagħtet lil Dr Olga Stathi tara liż-żiemel. Tgħid li din ta' l-aħħar kienet ċemplet lil Dr. Gatt Galea sabiex jiddiskutu x'kellu *Super Otto* u tgħid li hija tiftakar li Dr. Gatt Galea tat struzzjonijiet lil Dr Stathi x'kellha agħmel. Tgħid li hija ġiet informata minn Dr Stathi li hija kienet ġibdet is-*solution* li tagħtu Dr. Gatt Galea u minflok tagħtu mediċina oħra flimkien ma' antibijotiċi. Nonostante dan l-intervent, sieq iż-żiemel baqgħet tintefaħ u tiggrava. Tgħid li hija kkuntatjat lil Dr. Gatt Galea għal darb'oħra sabiex tgħidilha b'dan u kienet talbitha tirreferiha għand xi ħadd barra minn Malta. Tgħid li kienet Dr. Gatt Galea li ssuġġeritilha Cirale IPC. Is-sitwazzjoni taż-żiemel ma tjiebitx. Tgħid li Dr. Gatt Galea kienet marret ir-razzett sabiex terġa tinvestigah u kienet qaltilha sabiex tagħti aktar ċans. Tgħid li hija irrifjutat li tagħmel dan u qaltilha li kienet ser tieħdu barra minn Malta għal kura. Tispjega li s-sitwazzjoni ta' *Super Otto* kienet waħda gravi tant li l-ħin kollu jerfa' saqajh. Tgħid li l-antibijotiċi ma kinux qawwijin biżżejjed għaliex l-infezzjoni baqa' biha. Tgħid li Dr. Gatt Galea bagħtet *referral letter* permezz ta' *email* lil Cirale IPC (datata 5 t'April 2016). Tkompli tgħid hekk: "*llum il-ġurnata, li qed nerġa naqra l-imsemmija referral letter, qed ninnota diversi ineżatezzi fiha. Per eżempju ma huwiex minnu illi Dott. Katuchia ġiet tara liż-żiemel fit-18 ta' Jannar 2016. Ma huwiex lanqas minnu illi dak iż-żmien kien qiegħed isofri minn xi stiffness. Dawn il-problemi ħarġu biss wara illi Dott. Katuchia tatu l-injectioni.*"[4] Tgħid li fil-5 t'April 2016 irċeviet email bid-data li kellu jsir l-MRI consultation u ċioe l-14 t'April 2016. Fis-6 t'April 2016 imbagħad rċeviet email sabiex

[4] Fol 27 tal-proċess.

timla formola bid-dettalji taż-żiemel. Tgħid li ż-żiemel dam madwar tlett ijiem jivvjaġa fuq il-baħar sakemm wasal Normandija, ġewwa Franza. Tgħid li hija kienet marret Normandija fit-13 t'April 2016 u għamlet hemm sal-15 t'April 206 u reġgħet telgħet fis-6 ta' Mejju sas-7 ta' Mejju 2016. Is-somma minnha mħallsa għall-biljetti tal-ajru flimkien mal-akkomodazzjoni u kiri ta' vettura kienet ta' €685.52. Fl-14 t'April 2016 sar l-MRI minn Cirale u hemm irriżulta li *Super Otto* ma kienx ta' idejhom u kien għalhekk li fuq qbil tagħha, ġie trasferit għal klinika oħra, bl-isem Devis. Hemm sar it-trattament meħtieġ. Tgħid li kien kelllimha Dr. Matthieu Lacourt u meta staqsiet għall-opinjoni tiegħu dwar x'wassal għal kundizzjoni li kien fiha *Super Otto*, tgħid li kien qalilha li kienet l-infezzjoni li bdiet madwar tlieta / erba' ġimgħat qabel u kienet ġejja mit-trattament li ingħatat liż-żiemel. Tgħid li Dr. Lacourt kien qalilha li "*min kien miss iż-żiemel ikkawżalu din l-infezzjoni*."[5] Tgħid li fuq dan hija kien għalhekk li hija waslet għal konklużjoni li kienet Dr. Gatt Galea li kkawżatlu l-infezzjoni. Tgħid li ż-żiemel baqa' sejjer lura u kien għalhekk li Dr. Lacourt kien issuġġerilha li jraqduh. Tgħid wara li ddiskutiet miegħu l-possibiltajiet, hija kienet waslet għal konklużjoni li traqdu u kien għalhekk li reġgħet telgħet Franza sabiex fis-6 ta' Mejju 2016 ġie mraqqad. Hija kkonkludiet li hija għamlet telf finanzjarju li kienu jinkludu fost oħrajn (a) il-prezz taż-żiemel; (b) spejjeż mediċi għaż-żiemel; (ċ) spejjeż sabiex hi flimkien mal-assistenza tagħha telgħu Franza u (d) telf ta' qliegħ li hija setgħet għamlet li kieku Super Otto baqa' f'qagħda fiżika tajba u kompla jtellaq. Waqt ix-xhieda kollha x-xhud insistiet li ż-żiemel ma kienx biss inġib għat-tlielaq iżda kien il-*pet* tagħha.

In kontro-eżami Charlotte Ciantar ġiet mistoqsija meta nġib Malta ż-żiemel iżda ix-xhud ma kinitx f'pożizzjoni li tirrispondi. Meta saret referenza għad-data li hemm bil-miktub fid-dokument tat-trasferiment bankarju (il-25 ta' Novembru 2015), hija qalet li l-ewwel isir it-transfer imbagħad jintbagħat iż-żiemel li jdum madwar ġimgħa jew ġimagħtejn fit-traġitt. Ix-xhud tikkonferma wkoll il-prezz li hemm indikat fuq l-istess dokument li juri t-trasferiment. Tgħid li ż-żiemel wasal Malta għal bidu ta' Diċembru. Meta ġiet mistoqsija kemm kellu żmien iż-żiemel meta wasal Malta, ix-xhud tgħid li m'għandhiex idea. Meta ġiet mistoqsija min kien għamel iċ-check-up fuq iż-żiemel minnha msemmi fl-affidavit, ix-xhud tgħid li klinika ġewwa l-Isvezja però ma tafx x'jisimha iżda kellha tipprovdi l-informazzjoni. Tgħid li Malta Dr. Gatt Galea kienet ratu l-ewwel darba fl-24 ta' Marzu 2016 u dan wara li kien issuġerixxa li jsir hekk Julian Farrugia. Tgħid li ma tiftakarx min kien ikkuntatjaha l-ewwel darba però tikkonferma li hija kienet preżenti meta kienet marret Dr Gatt Galea tarah għax għandha l-uffiċċju tagħha fl-istess post.

[5] Fol 29 tal-proċess.

8. Xehed **Carmel Farrugia**, missier il-partner ta' Charlotte Ciantar. Jgħid li ilu jaf lill-attriċi madwar tmintax-il sena. Jgħid li hu u ibnu l-kbir Carmelo Farrugia, kienu jmorru jaraw iż-żwiemel barra minn Malta biex imbagħad jixtru. Jgħid li huwa kien isemmi Super Otto spiss u kien hawn li Charlotte Ciantar kienet qaltlu sabiex jixtrih għaliha nonostante li hija ma kinitx dilettanta però ħadet interess. Jgħid li dan kien żiemel tat-tiġrija u kien ta' klassi għolja. Jgħid li huwa ċempel lis-sid, qablu fuq prezz u għamel trasferiment mill-kont bankarju tiegħu għal ta' sid iż-żiemel. Jgħid li żiemel ġie Malta u beda jieħu ħsiebu ibnu Matthew Farrugia. Meta ġie mistoqsi x'kien l-involviment ta' Charlotte, ix-xhud spjega li għal bidu tagħtu xi ħaġa tal-flus għalih iżda imbagħad ħalsitu kollu; jgħid li l-iskop dejjem kien li jkun ta' Charlotte, minn meta ġie sa meta miet. Spjega li huma kienu jagħtu lil *Super Otto* eżerċizzju u taħriġ. Jgħid li wara xi xahar kienu telqu bih xi tlett darbiet il-Marsa, misjuq minn Matthew Farrugia u ġieli saqu wieħed ċertu Ġiljan. Jgħid li meta ġie Malta, fiżikament iż-żiemel kien tajjeb. Meta saqu Ġiljan kien qalilhom biex iduruh ċioe idurulu l-għadam, mhux għax kellu xi ħaġa ħażina iżda biex jekk ikollu xi qasma tfejjaqha jew biex jitjiebu l-goġ. Din hija xi ħaġa normali li ssir fuq iż-żwiemel. Jgħid li imbagħad daħlet fl-istampa Dr Gatt Galea u tagħtu injezzjoni biex tfejjaqlu li kellu però ma kellu xejn partikolari. Jgħid li wara jumejn jew tlett ijiem wara l-injezzjoni, saqajn iż-żiemel fejn ingħata l-injezzjoni bdiet tintefaħ. Jgħid li ċempel lil Dr. Gatt Galea u qaltlu li kienet ser tiġbidlu b'injezzjoni oħra l-infezzjoni li kellu. Jgħid li nadfitilu iżda xorta baqgħet tintefaħ. Jgħid li l-għada bagħtet lil xi ħaddieħor li għamel l-istess iżda ż-żiemel baqa' sejjer lura tant li lanqas beda jgħawwiġha saqajh. Jgħid li qalilha li ser jibgħatuh barra. Jgħid li l-infezzjoni kibret u kien għalhekk li bagħtuh Normandija. Jgħid li kienet Charlotte li telgħet però huwa kien qiegħed jiġi infurmat permezz ta' telefonati. Jgħid li wara xi tlett ijiem qalu li ma kienx ser ifieq u qalulha li kellhom iraqduh. Jgħid li meta telgħu sabiex iraqduh, *Super Otto* kien f'rokna bagħtut.

Meta ġie mistoqsi fuq minn kien r-reġistrat mad-Direttorat tal-Veterinarji ix-xhud jgħid li suppost fuqu però ma jafx. Meta ġie mistoqsi fuq minn kien ir-reġistrat mal-Malta Racing Club fi Frar 2016 ix-xhud jgħid li lanqas jaf. Lanqas id-dati ta' meta ġab iż-żiemel Malta ma jiftakar. Jgħid li ż-żiemel meta ġie ma kienx bgħatut tant li għamel tlett ġirjiet. Qal li Ġiljan, il-ġerrej taż-żiemel, kien qallu li għandu bżonn dawra. Jgħid li kienu qalu lil Dr. Gatt Galea u kienet taqbitu u waqt li kienu qed inaddfuh indunaw li saqajh kienet infjamata.

9. Xehed **Matthew Farrugia** fejn spjega li kienu ilhom isegwu lil Super Otto fuq it-televixin u kien tajjeb fl-aqwa klassi u kien għalhekk li xtrawh. Jgħid li qabel ġie Malta,

kien rebaħ 700,000 krona (madwar sebgħin elf ewro) ġewwa l-Isvezja. Meta ġie mistoqsi ta' min kien iż-żiemel, ix-xhud jgħid li kien ta' Charlette Ciantar però kien jieħu ħsiebu hu u hi kienet għadha qed titgħallem. Jgħid li ż-żiemel kienu tawh lil ġerrej Għawdxi, ċertu Ġiljan, u kien qalilhom sabiex iduru waħda (bħala *maintenance*) lil Super Otto u kien qalilhom biex iċemplu lil Dr. Gatt Galea. Qal li wara li għamlet it-testijiet irriżulta li kien hemm bżonn jingħata ż-żejt ġo xikel (*hocks*) ta' wara u kien għalhekk li nadfitlu ż-żona fejn kienet ser tingħata l-injezzjoni u tagħtilu. Ix-xhud spjega hekk "*ħallejnieh disat ijiem kien ċioe mingħajr eserċizju ħlief li tmexxieh biss u mbagħad morna ħaddimnieh ċioe tajnieh training tiegħu il-Marsa u l-għada ntefaħlu xiklejh ta' waħda mis-saqjan – ġie qisu ballun. Ma niftakarx liema naħa imma waħda minnhom. Injections tagħtu tnejn kienet – wieħed f'kull sieq*."[6] Jgħid li huwa ċempel lil Dr. Gatt Galea sabiex jinfurmaha b'dan u li anke kienet sħuna u kienet qaltlu li hija ma setgħetx tmur iżda kienet bagħtet kollega tagħha, Dr. Olga. Dr. Olga kellmet lil Dr Gatt Galea, ħadulu xi kampjun minn saqajh u biex għamlu hekk kellhom jerġgħu itaqbuh. Jgħid li Dr Olga jew Dr. Gatt Galea għamlu ġimgħa indafulu l-infezzjoni. Jgħid li hemm imbagħad daħlet fix-xena Charlette u bdiet tieħu ħsiebu hi. Meta ġie mistoqsi dwar id-dokument anness mar-risposta ġuramentata (*consent form*) ix-xhud jgħid li huwa ma jafx jaqra u l-firma li hemm fuqha ma jaħsibx li hija tiegħu.

In kontro-eżami qal li kien għal bidu ta' Jannar 2016 li wasal Malta iż-żiemel. Jikkonferma li meta kienet marret l-ewwel darba Dr. Gatt Galea huwa kien preżenti u dan għaliex Charlotte kienet impenjata u kienet tkun xogħol però kien iżommha aġġornata b'kollox u dan kien jagħmlu għaliex iż-żiemel kien tagħha.

In kontro eżami jgħid li huwa kien jieħu ħsieb lil Super Otto flimkien ma' Charlette. Jgħid li huwa lanqas kien jaf li ż-żiemel huwa reġistrat fuqu mad-Direttorat tal-Veterinarji. Jgħid li huwa ċert li qatt m'għamel applikazzjoni biex dan iż-żiemel jiġi reġistrat fuqu. Jgħid li meta ġie Malta huwa mar Ras Ħanżir ma' Charlette biex jgħinha tiġbdu bil-karru u daqshekk. Hu żgur li m'għamilx talba mad-Dipartiment biex iż-żiemel jiġi reġistrat fuqu. Dwar ix-xiri taż-żiemel ix-xhud jgħid hekk:

> "Il-Qorti: Biex involvejt ruħek fix-xiri tiegħu min kellmek?
> Matthew Farrugia: Jiena biex xtrajnih kellna wieħed sensar ...
> Il-Qorti: X'jismu?

[6] Fol 109 tal-proċess.

Matthew Farrugia: Għawdxi kien, Portelli għandu jkun u qalli hemm żiemel ta' ħabib tiegħi qalli interessat irid ibigħu. Kellimt lil Charlette ...

Il-Qorti: Fejn kien dan iż-żiemel?

Matthew Farrugia: Sweden.

Il-Qorti: Jiġifieri dan is-sensar Portelli minn Għawdex is-sensar qallek isma' għandi ħabib tiegħi Sweden ...

Matthew Farrugia: Iva li jrid ibiegħ żiemel, dawk hekk aħna nixtruhom.

Il-Qorti: U qallek interessat inti.

Matthew Farrugia: Le mhux jien, jiena għidt lil Charlette, mela jiena għandi flus biex nixtri.

Il-Qorti: Le, imma hu lilek kellem.

Matthew Farrugia: L-ewwel kellem lili hu u jiena kellimt lil Charlette. Imma jiena qisni xtratu Charlette ż-żiemel għax jiena m' għandix flus biex nixtrih.[7]

[...]

Il-Qorti: Imbagħad?

Matthew Farrugia: Imbagħad kellimtu u hekk, tkellimt ma' Charlette ...

Il-Qorti: Jiġifieri inti lil Portelli għidtlu mexxi.

Matthew Farrugia: Mexxi ħa nixtruh iż-żiemel imma hi xtratu għax jiena m'għandix flus. Issa jaf li ġara hekk peress li dawn kienu qishom jafu lili għax lil Charlette qishom ma kienux jafuha imma l-flus hi ħarġithom.

Il-Qorti: Issa inti x'arranġament għandek ma' Charlette Ciantar meta tixtru żiemel?

Matthew Farrugia: Le, aħna jkun hemm dan is-sensar jgħidlu kemm irid iż-żiemel, jgħidlu per eżempju so much, jiena aċċettat Charlette, malli aċċettat Charlette jibgħatulek il-kont tal-Bank, tibgħatilhom il-flus u jiġi ż-żiemel. Dik issa x'hemm u x'ma hemmx tmur Ras Ħanżir u tiġbru."[8]

Ix-xhud jgħid li bil-miktub bejnu u bejn Charlette ma kien hemm xejn iżda ftehmu bil-fomm. Jgħid li kienu bagħatu lil missieru l-bank biex jagħmel it-trasferiment għax pensjonant u m'għandux x'jagħmel u jista' jagħmel nofstanhar il-Bank. Ix-xhud ma jiftakarx x'kienu qalulu l-veterinarji l-oħra li kienu raw iż-żiemel qabel Dr. Katiucha, jgħid li huwa lil Dr. Gatt biss jiftakar li kienet ratu lil Super Otto. Meta ġie muri t-testijiet tad-demm (li saru f'Marzu 2016) ix-xhud ikkonferma li d-demm kien ittieħed minnu stess mingħajr assistenza ta' tabib u wara ħadu r-riżultat il-laboratorju. Meta ġie mistoqsi kemm-il darba ħadulu d-demm hu, ix-xhud jgħid li kemm ikun hemm

[7] Fol 231 tal-proċess.
[8] Fol 232 tal-proċess.

bżonn però jieħdu kull ħmistax. Jgħid li jiġbor flixkun, itaqqab iż-żiemel, jieħu d-demm u jieħdu lura l-laboratorju.

10. Xehed **Joe Zerafa**, membru tal-Kunsill tal-Malta Racing Club fejn ppreżenta dokument li fih juri li ż-żiemel Super Otto kien reġistrat fuq Charlette Ciantar. Ir-reġistrazzjoni isir billi titħallas miżata fis-sena biex b'hekk ikun jista' jtellaq. Jikkjarifika li r-reġistrazzjoni issir meta jkun ser jiġi misjuq jiġifieri mhux neċessarjament issir mill-ewwel li jiġi Malta. Jikkonferma iżda li r-reġistrazzjoni ssir fl-istess ġurnata li ssir l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni.

11. Il-**konvenuta** ppreżentat affidavit fejn spjegat li hija veterinarja speċjalizzata fiż-żwiemel. Dwar iż-żiemel Super Otto tgħid li twieled l-Iżvezja fid-19 ta' Ġunju 2009 iżda nxtara f'Novembru tal-2015 u ġie Malta fil-perjodu bejn Diċembru u Jannar 2016. Tgħid li minn informazzjoni disponibbli onlajn Super Otto ġera 80 darba f'perjodu ta' ħames snin bejn l-2011 u l-2015 u ħa l-ewwel ħames darbiet biss. Tgħid li hija ratu l-ewwel darba fit-18 ta' Jannar 2016. Spjegat li kien ċemplilha Julian Farrugia li huwa ġerrej li kien saq u ħarreġ lil Super Otto ftit jiem qabel u kien qalilha li m'huwiex kuntent bil-prestazzjoni ta' Super Otto u staqsiha tinvista ż-żiemel biex timmeljora l-kundizzjoni tiegħu. Tgħid li kien ċemplilha Matthew Farrugia wkoll sabiex jagħmel appuntament. Tgħid li mis-sit tal-Malta Racing Club, kien jirriżulta li Matthew Farrugia kien tniżżel bħala sid iż-żiemel. Tgħid li meta rat iż-żiemel l-ewwel darba, kienu preżenti biss Matthew Farrugia u Carmelo Farrugia; Charlette Ciantar ma kinitx preżenti. Jgħid li Matthew Farrugia kien qalilha li ż-żiemel kien ilu għandhom minn Novembru 2015 u ma kienx qiegħed jiġri kif mistenni u kien hemm xi ħaġa li qiegħda dejjaq iż-żiemel. Tgħid li Matthew kien qalilha li ma kinux għamlu *pre-purchase examination check-up,* li hija *check-up* li ħafna drabi ssir fuq iż-żwiemel qabel ma jinxtraw u tkun tikkonsisti f'diversi testijiet inkluż eżami, X-rays, ultrasound, endoscopy u testijiet tad-demm. Spjegat li Julian u anke Matthew kienu qalulha li Super Otto kienu rawh diversi veternijari oħra wara li wasal Malta minħabba l-problema li kellu u għaddiet sabiex isemmi dawn il-veterinarji, u tgħid li l-problema iżda xorta baqgħet hemm u kien għalhekk li Julian kien irrefera lil Matthew għandha. Tgħid li ma tafx xi trattamenti ingħata minn dawk il-veterinarji. Tgħid li hija għamlitlu vista sħiħa u sabet li kien hemm problemi f'saqajh ta' quddiem kif ukoll l-mixja fuq is-sieq ta' wara kienet iebsa wkoll iżda dak inhar l-iskumdita kienet tidher aktar fuq is-saqajn ta' quddiem. Kien għalhekk li issuġġeriet li tinjetah b'*local anaesthetic* f'postijiet fis-sieq biex ma jibqax iħoss l-uġigħ u b'hekk tara jekk il-problema tinsabx biss fis-saqajn ta' quddiem jew jikxifx il-problema fir-riġlejn ta' wara li fl-opinjoni tagħha kienu qegħdin jinħbew. Tgħid li Matthew Farrugia iżda ma riedx li jsiru dawn

it-testijiet u dan għaliex ried li ż-żiemel jiġri kemm jista' jkun malajr u jekk jingħata dik il-mediċina kien qiegħed jirriskja li jinqabad jikser ir-regoli tad-*doping* u ma jkunx jista' jiġri. Qalet li hija issuġġeriet li teħodlu X-Ray ta' riġlejn iż-żiemel iżda Matthew insista li ma riedx li dan isir għar-raġuni li kien ilu jdur tobba. Kien għalhekk li l-unika ħaġa li setgħet tagħmel kien li tagħmel infiltrazzjoni u Matthew kien kuntent li jsir hekk. Tgħid li hija insistiet li dan isir biss fir-riġlejn ta' quddiem peress li kienet għada ma stabbilitx b'mod ċar jekk il-problema kinitx ukoll fis-saqajn ta' wara. Tispjega l-proċedura tal-infiltrazzjoni bis-segwenti mod:

> 9. Il-proċedura ta' infiltrazzjoni issir l-istess kull darba u dejjem nistieden lis-sid joqgħod viċin tiegħi (*at a safe distance*) biex jara x'qiegħda nagħmel u x'sustanzi qed nuża, primarjament minħabba r-regoli tad-*doping*. Fil-fatt Matthew ġie jkellimni waqt li kont qiegħda nipprepara l-affarijiet fuq il-parti ta' wara tal-vettura li għandi attrezzata apposta bil-kxaxen. Jiena ħsilt idejja peress li kont għadni kif missejt liż-żiemel, xarrabthom bl-ispirtu u bdejt nipprepara il-vjali tat-*triiamcinolone* u il-vjali tal-*gentamicin* (li huwa antibiotiku li jien namministra sabiex taġixxi bħala kura jew preventiv (bħal ma ntuża f'dan il-każ) ta' xi forma ta' infezzjoni. Il vjali jinfetħu dejjem għal dak il-pazjent biss (fliexken żgħar sabiex ma jkunx hemm riskju ta' kontaminazzjoni). Dawn ftaħtom fuq *tray* nadif li kont għadni kif msaħtu bl-ispirtu, li kien hemm fuqu ukoll *kidney-dish* sterilizzat. Ftaħt ukoll is-siringi u l-labar mingħajr ma missejthom. Fl-aħħar ftaħt ukoll is-siringi lesti individwali bil-*hylouronic acid* u dawn ukoll tpoġġew fil-*kidney-dish*. Imbagħad ilbist ingwanta sterili fuq idi l-leminija. Bl-id ix-xellugija qbadt il-fliexken, u bil-leminija qbadt is-siringi u il-labar sterili, imlejthom u erġajt poġġejthom fil-*kidney-dish*. Wara li lestejt kollox ilbist l-ingwanta l-oħra, għattejt it-*tray* bil-karta sterili li jkun hemm mal-ingwanti, imlejt *bowl sterilizzat* bit-tajjar u *Chlorhexidine*, żidt l-ilma u bdejt nogħrok u nnaddaf *l-injection-sites* fuq iż-żiemel. Wara l-*iscrubbing* tfajt l-ispirtu li huwa "*effective by evaporation*". Imbagħad ġibt it-tray vicin, u saqsejt lis-sid biex ilibbes milwa (*form of restraint*) liż-żiemel. Wara dal-proċess, jien erġajt biddilt l-ingwanti u qbadt is-siringi biex nibda l-injezzjoni. L-ispirtu, bħal ma nagħmel dejjem, ħallejtu fil-viċin taż-żiemel, u erġajt użajtu kull darba li kont ħa ninjetta fil-ġog. Dan il-proċess jien għamiltu reliġjożament kull darba li injettajt iż-żiemel fil-ġimgħat ta' wara.

Għaddiet biex spjegat li għalkemm il-kundizzjonijiet taħt liema kienet qiegħda tamministra l-injezzjoni kienu nodfa u sterili kemm jista' jkun, ir-riskju li jkun hemm infezzjoni ma' tistax tiġi eskluża u dan għaliex il-proċess tal-infiltrazzjoni ma ssirx ġo sptar iżda fir-razzett li jkun fih soltu ż-żiemel. Spjegat li wara li taqbet iż-żiemel u amministrat il-mediċina hija applikat *betadine ointment* fejn taqbet u għattiet il-goġi l-aktar viċin l-art bil-*vet wrap*. Tgħid li hija tat struzzjonijiet lil Matthew dwar kemm ġranet għandu jdum mistrieħ Super Otto u l-eżerċizzju fil-ġranet segwenti. Tgħid li hija baqgħet miegħu li kellu jċemplilha sabiex jiddiskutu l-progress. Wara li għaddew ftit ġimgħat, Matthew ċemplilha u qalilha li ż-żiemel kien mar aħjar u kien ġera fil-21

ta’ Frar 2016 iżda xorta ħass li ż-żiemel kien skomdu minn wara. Tgħid li hija ċemplet lil Julian Farrugia li kien iħarreġ ż-żiemel u kien qalilha li ma kienx qiegħed jogħġbu u kien rah qed jofrok minn sieq minnhom. Tgħid li t-tieni vista imbagħad saret fl-1 ta’ Marzu 2016 u sabet li kien aħjar milli kien f’Jannar iżda fuq is-saqajn ta’ wara kien għadu iebes kif kien mistenni. Tgħid li daru kien iebes ukoll minħabba li kien jidher li qiegħed jieħu l-piż tiegħu fuq is-saqajn ta’ quddiem. Tgħid li għamlet l-istess eżami li għamlet f’Jannar u hija reġgħet tat il-parir li jingħata t-trattament tal-*athroscopy* li dak iż-żmien ma kienx isir Malta, iżda Matthew ma riedx li jagħmel it-testijiet u l-x-rays li kienet issuġġeriet. Tgħid li dak inhar hija m’għamlitlux trattamenti u dan għaliex hija kienet rat li ż-żiemel mar għall-aħjar u wkoll għaliex Matthew kien infurmaha li Super Otto kien ser jerġa jiġri l-Ħadd ta’ wara u dan mhux biss minħabba r-regoli tad-*doping* iżda wkoll għaliex wara t-trattament ried żmien ta’ mistrieħ. Tgħid li Matthew baqa’ jinsisti li ż-żiemel kellu jkun perfett qabel it-tiġrija u mhux biss komdu u kien għalhekk li hija ssuġġeritlu li ġurnata qabel it-tiġrija kollega tagħha (għax hi kienet ser tkun imsiefra) setgħet tagħmel trattament fuq dar iż-żiemel li huwa *non-doping* u *homoeopathic* sabiex ikun komdu waqt it-tiġrija. Waqt l-ewwel trattament tal-5 ta’ Marzu 2016 mogħti minn Dr. Olga Stathi, Matthew iffirma *consent form*. Tkompli tispjega li hija marret teżamina lil Super Otto fis-7 ta’ Marzu 2016, l-għada tal-ġirja u sabet li kien għadu iebes fuq is-saqajn ta’ wara. Tgħid li hija reġgħet issuġġeriet li tagħmel x-rays u t-testijiet li kienet issuġġeritlu waqt l-ewwel vista, iżda Matthew ma riedx minħabba d-*doping* u kien għalhekk li qablu li terġa’ tagħmel l-istess trattament li kienu għamlu fit-18 ta’ Jannar 2016, din id-darba fis-saqajn ta’ wara. Tispjega li l-proċedura li użat kienet l-istess bħal ma ġiet spjegata aktar ‘l fuq. Tgħid li fl-20 ta’ Marzu iż-żiemel ġera u kiseb l-aħjar klassifika li qatt kellu mindu wasal Malta hekk kif ikklassifika fil-ħames post. Tgħid li sal-20 ta’ Marzu hi ma kienet semgħet xejn m’għand Matthew u għalhekk ma jirriżultax li minn dak l-intervent kien hemm xi forma ta’ infezzjoni. Tgħaddi sabiex tispjega li fil-21 ta’ Marzu 2016 ċemplilha Matthew u qalilha li waħda mill-joints taż-żiemel kienet intefħet u li kellu infezzjoni. Tgħid li dak inhar hija ma setgħetx tattendi iżda marret il-kollega tagħha Dr. Olga Stathi. Tgħid li Dr. Stathi kienet irrapurtat lura li ż-żiemel kellu nefħa moderata però ma kellux deni u kien qiegħed jimxi komdu fuq is-sieq. Spjegat li Dr. Stathi ċemplitilha u kkonsultat magħha qabel ma tagħtu t-trattament u qablu li jieħdu *sample* tas-*synovial fluid* mill-*joint* in kwistjoni biex jiċċekkjaw x’tip ta’ infezzjoni kien hemm u jserrħu moħħ is-sid. Tgħid li dan il-kampjun ittieħed minn Dr. Stathi li kienet infurmatha li meta njettatu hi amministrat il-mediċina *Gentamicin*, antibijotiku li jintuża sabiex joqtol ċertu tipi ta’ mikrobi jew biex jippreveni l-kultivazzjoni ta’ ċerti mikrobi. Tgħid li qaltilha wkoll li amministrat xi antibijotiċi oħra kemm *parenterally* kif ukoll b’*local venous perfusion*, ċioe injezzjoni fil-vina, mhux fil-ġog). Il-kampjun

meħud minn Dr. Olga ntbagħat il-laboratorju minn Matthew Farrugia fil-21 ta' Marzu 2016. Ir-riżultat tal-laboratorju datat 22 ta' Marzu maħdum fil-laboratorju tal-Ħandaq mix-xjentist Mario Fava irriżulta li ż-żiemel kellu Direct Gram stain: Gram positive cocci. Tgħid li mir-riżultati irriżulta li kien hemm infezzjoni fil-ġog konċernat kif ukoll Cocci li huma tipi ta' mikrobi iżolati. It-tieni parti tar-riżultat imbagħad ħareġ fis-26 ta' Marzu u hemm intwera li ġew iżolati *bacteria* tat-tip *Streptococcus* li huma komuni ħafna u abbondanti fil-flora tal-ġilda taż-żiemel. Tgħid li minn dan ir-riżultat ikkonfermat li l-infezzjoni ma rriżultax b'konsegwenza tal-aħħar injezzjoni li għamlet fis-7 ta' Marzu. Tgħid li dakinhar hija injettatu bil-*gentamicin* liema kienet toqtol il-*bacterium* li kien instab fir-riżultat tas-26 ta' Marzu 2016. Tgħid li dan wassalha għal konklużjoni li kien hemm xi ħadd ieħor li seta' taqqab liż-żiemel darb'oħra. Tgħid li meta wieħed jinjetta d-doża ta' triamcinolone li użat hi, l-infezzjoni relatata ma dik l-injezzjoni timmanifesta ruħha wara ħamest ijiem, mhux ġimagħtejn wara. Tgħid li f'Malta hawn prassi komuni qalb is-sidien taż-żwiemel tat-tiġrija li jittrattaw iż-żwiemel huma mingħajr ma jieħdu parir mediku, għalkemm tgħid li f'dan il-każ ma tistax tgħid li żgur ġara hekk. Tispjega li hija għamlet ir-raba' vista tagħha fit-23 ta' Marzu 2016 fejn hemm iltaqat għall-ewwel darba ma' Charlotte Ciantar. Tkellmet ukoll ma' Martin Farrugia li qal li kien imħasseb dwar iż-żiemel. Tgħid li Matthew uriha wkoll riżultati tat-test tad-demm li kien ħadlu hu fil-21 ta' Marzu 2016, meta kellu n-nefħa. Taħlef li dan it-test ma ħaditux hi u lanqas Dr. Olga Stathi u ma kinitx taf li sar. F'dawn ir-riżultati deher li ż-żiemel kellu infezzjoni fid-demm. Tispjega li biex jittieħed test tad-demm, iż-żiemel ried jitaqqab u dan allura jikkonferma li kien hemm xi ħaddieħor li kien qed jagħmel interventi fuq iż-żiemel fl-istess żmien meta hija kienet qiegħda tieħu l-kampjuni. Tgħid li dak inhar hija tagħtu l-antibijotiku *gentamycin* u ħaditlu kampjun ieħor biex jinħadem il-laboratorju. Tispjega li bdew jitolbuha tmur ħdejn iż-żiemel kuljum u imbagħad ftit wara kull jumejn. Tgħid li kienet marret fl-Għid, fis-27 ta' Marzu 2016 biex tara li ż-żiemel kien komdu u nellfrattemp baqgħet tikkomunika ma' Charlette. Tgħid li hija baqgħet tmur perjodikament tul il-ġimgħat ta' wara u f'waħda miż-żjarat, Martin Farrugia staqsiha jekk setgħux jieħdu xi ħaġa mill-assikurazzjoni tagħha. Tgħid li din l-asserzjoni ratha stramba partikularment għaliex ma kienx hemm raġuni għal *claim*. Tgħid li din il-mistoqsija ħasbitha ftit għaliex f'dak iż-żmien kien hemm każ għaddej fejn kien hemm veterinarju li kontrih kienet infetħet kawża talli ma tax kura tajba lil bosta żwiemel u li kienet ingħalqet wara li l-assikurazzjoni Taljana tal-veterinarju setgħet ħallset ammont żgħir biex tagħlaq il-*claim*. Tgħid li sa dan it-tant qatt ma urew li m'humiex kuntenti bit-trattament li kienet qiegħda tagħti liż-żiemel u għalhekk ma kien hemm ebda raġuni sabiex tinfetaħ *claim*. Tgħid li hija reġgħet spjegat bħal ma spjegat lil Matthew li l-iktar mod effettiv kien *arthroscopy* taħt loppju ġenerali, li ma setgħetx

isir Malta. Tgħid li tul dawk il-ġimgħat li kienet qed żżur iż-żiemel dejjem kien stabbli u kien jimxi komdu fuq dik is-sieq u wkoll qatt ma kellu deni meta ratu hi. Fis-27 ta' Marzu hija ħadet x-ray wara li Matthew Farrugia ta l-kunsens. Tispjega li dawn ma wrewx li kien għad hemm xi tip ta' ħsara lil *joint* li kienet affettwata u jfisser allura li sa dakinhar iż-żiemel kien għadu tajjeb. Tgħid li Super Otto rrisponda tajjeb għat-trattament li kienet amministralu u għalhekk ikkonkludiet li kwalunkwe infezzjoni li seta' kellu kienu qabduha fil-bidu. Tgħid li Matthew kien qalilha li fil-frattemp iż-żiemel kienu reġgħu rawh xi tobba oħra u kienu kkonfermawlhom li ż-żiemel kellu *joint* ftit minfuħ però xorta kellu mixja u trott tajjeb. Tgħid li sa dan l-istadju ma saru ebda allegazzjonijiet jew akkużi diretti kontriha iżda hija xorta infurmat lill-kumpanija assikuratriċi tagħha b'dak li kien qalilha Martin Farrugia u kienet iżżomm lill-assikuratriċi tagħha aġġornata u dan kif kienet il-prassi ġewwa l-Ingilterra. Il-konvenuta spjegat li Charlette kienet qaltilha li meta Matthew rama ż-żiemel ma kienx perfett f'mixjietu. Tgħid ukoll li Charlette kienet tinsisti li minn dejjem ħasbet li ż-żiemel kellu xi difetti fiżiċi. Tgħid li għalkemm l-infezzjoni dehret li kienet telqet għal kollox, Charlette xorta waħda baqgħet tinsisti li trid issir taf x'ikkaġuna u kien hawn li talbitha tirreferi ż-żiemel ġo kliniċi fejn seta' jsirlu MRI. Tgħid li hija kienet ireferrit lil Super Otto lil Cirale permezz ta' email tal-5 t'April 2016. Tgħid hija u timla l-formola indunat li ma setgħax isir MRI fuq il-*hock* għax il-magna tagħhom ma kinitx kbira biżżejjed. Meta staqsiet dwar dan, it-tabib minn Cirale kien issuġġerixxa li minflok MRI isirlu *bone scintigraphy* li kien ser jagħti l-istess riżultat. Tgħid li ġie iffissat appuntament. Waqt dan il-perjodu Matthew kien qalilha li ż-żiemel ma kienx qed jieħu antibijotiċi aktar għax waqafhomlu u dan kontra l-parir tagħha. Tispjega li hija rat iż-żiemel l-aħħar fl-1 t'April 2016 u dakinhar iż-żiemel kien komdu. Super Otto kien waqqaf il-mediċini xi jiem qabel u kien fi stat tajjeb fiżiku biex jivvjaġġa fuq saqajh. Fis-6 t'April 2016 irċeviet email m'għand Cirale li wara li bagħtitilhom xi ritratti u l-x-rays qablu li l-ebusija fir-riġlejn setgħet kienet ġejja minn post ieħor u mhux neċessarjament minn dak il-ġog tax-xikel. Tgħid li kien biss 18-il ġurnata wara li Cirale bagħtu jgħidulha li kien wasal għandhom Super Otto u li l-kundizzjoni tiegħu kienet nbidlet u mar lura tant li ż-żiemel kellu mill-ewwel jiġi riferut biex issirlu *arthroscopy* minflok MRI jew *bone scintigraphy* u peress li Cirale ma setgħux jagħmlu *arthroscopy*, iż-żiemel intbagħat Devis, klinika oħra viċin. Dr Mathieu LaCourt, veterinarju Franċiż li jaħdem fil-klinika Devis ikkonferma permezz ta' email tas-27 t'April li r-riżultati tal-*arthroscopy* żvelaw li sabu tip ta' baktirja ġdida, *Staphylococcus Aureux*, u mhux l-istess baktirja li kien instab fil-laboratorju f'Malta (*Streptococcus*), dan ifisser li l-infezzjoni kienet waħda kompletament differenti minn dik li kien irriżulta Malta. Tispjega li "kwalunkwe infezzjoni li kienet ser tirriżulta fil-*joint* wara injezzjoni kienet ser tirriżulta fi żmien ħamest ijiem. Barra minn hekk, l-infezzjoni l-ġdida kienet ferm

iktar aggressiva u kellha iktar sintomi qawwijin."[9] Tispjega li l-istat kliniku li kien fih iż-żiemel u l-uġigħ irrapurtat mill-klinika ma kellu x'jaqsam xejn ma l-istat li kien fih hawn Malta. Tgħid ukoll li Super Otto ma kienx qed jirrispondi tajjeb għat-terapija kif kien għamel Malta. Tgħid ukoll li Dr. LaCourt qatt ma kkonsulta jew ikkonferma magħha l-isfond mediku taż-żiemel kif ukoll t-trattament li kienet qed tamministralu. Tgħid li wara li traqqad iż-żiemel hija ma reġatx semgħat minn Charlette u l-unika kuntatt li kellha kien ma' Martin Farrugia fejn kien ċemplilha u heddidha sabiex tikkumpensah taż-żiemel.

12. Xehed **Dr. Chris Barbara** li kkonferma li sar test wieħed fil-laboratorju HSE bejn Marzu u April 2016 li ġie analizzat minnhom, liema jġib id-data tal-21 ta' Marzu 2016. B'referenza għall-isem Carmelo Farrugia li jidher fuq ir-riżultat, spjega li jista' jkun l-isem sid iż-żiemel. Meta ġie mistoqsi jekk setax jikkonferma min kien għamel ir-riferta għal dan it-test, ix-xhud qal li għalkemm is-sistema tagħhom iżżomm informazzjoni sa tlett snin qabel huwa pprova xorta iżda xorta ma rnexxilux isib min kien talab li jsir dan l-analiżi.

13. Xehed **Dr Robert Cardona**, direttur tal-laboratorju privat Analytical Diagnostic Laboratory Services fejn ikkonferma li fir-riżultati li ġie muri lilu a fol 153 irriżulta li ż-żiemel kellu *streptococcus* bħala baktirja u mis-*sensitivity test* irriżulta li dan jista' jiġi mfejjaq bl-antibijotiċi *gentamicin*. Ix-xhud ġie muri rapport ieħor u jgħid li d-data huwa differenti mill-ewwel rapport u f'dan l-aħħar wieħed jidher li r-riżultati t-tjiebu. In kontro-eżami x-xhud spjega li fis-*sensitivity test* huma jużaw antibijotiċi *standard* biex jaraw jekk il-baktirja tirrispondix għalih u jekk le jużaw antibijotiċi oħra. Meta ġie mistoqsi minn finalment jagħżel liema antibijotiċi għandha tiġi amministrata, ix-xhud jgħid li huwa l-veterinarju.

14. Xehed **Ivan Bugeja**, *Senior Veterinarian Support Officer* Servizzi Veterinarji fejn spjega li ż-żiemel Super Otto ġie reġistrat fit-12 ta' Diċembru 2015 fuq isem Matthew Farrugia. In kontro-eżami x-xhud jikkjarifika li huma ma jidħlux dwar min ħallas għaż-żiemel eżempju iżda jagħmlu biss reġistrazzjoni. Jgħid li però meta żiemel jiġi minn barra, is-sid għandu jirreġistrah mad-Direttorat.

15. Xehed **Mark Consiglio**, *racing administration manager Malta Racing Club* ippreżenta numru ta' dokumenti. L-ewwel dokument kien meta ġie reġistrat iż-żiemel Super Otto fis-sistema tagħhom għall-ewwel darba u dan wara li jasal għandhom l-*export*

[9] Fol 145 - 146 tal-proċess.

*certificate*. Jispjega li ma jfissirx li ġie abbinat sid miegħu dak iż-żmien. Jikkonferma li fuq l-ewwel dokument is-sid ndikat hija Matilda Farrugia, li hija indikata bħala *Dirigent Owner*. It-tieni dokument hija r-reġistrazzjoni li saret minn Matilda Farrugia stess fil-5 ta' Frar 2016 u ffirmat minnha. It-tielet dokument huwa ċertifikat maħruġ mill-Isvezja tikklirja liż-żiemel biex jieħu sehem fit-tiġrijiet Malta flimkien mar-rekords tal-istess żiemel. Jikkonferma li fuq dak id-dokument is-sid jidher bħala Matthew Farrugia. Ir-raba' dokument huwa sommarju tal-irċevuti li tħallsu fuq dak iż-żiemel u minnha jidher li fil-5 ta' Frar 2016, l-ewwel reġistrazzjoni saret minn Matilda Farrugia imbagħad fis-6 t'April 2016 iż-żiemel ġie trasferit għal fuq Charlotte Ciantar biex ġiet tidher din tal-aħħar bħala sid iż-żiemel. Jikkonferma li wara dik id-data iż-żiemel ma parteċipax fi tlielaq. L-aħħar dokument huwa l-formola tat-trasferiment li saret b'telefonata liema metodu huwa aċċettat minnhom. Jikkonferma li kien hu li f-firma d-dokument tas-6 ta' April 2016, meta saret ir-reġistrazzjoni fuq Charlotte Ciantar. In kontro-eżami jikkonferma li ma jidħlux dwar min ħallas għaż-żiemel.

Ikkunsidrat

**L-Azzjoni**

16. Din hija kawża għal riżarċiment ta' spejjeż u danni allegatament sofferti mill-attriċi kkawżat mill-mewt taż-żiemel Super Otto. L-attriċi tippremetti li kienet in-negliġenza, l-imperizja jew in-nuqqas ta' teħid ta' miżuri neċessarji da parti tal-konvenuta fl-eżerċizzju tal-professjoni tagħha li wassal sabiex jitraqqad iż-żiemel. Il-konvenuta min-naħa tagħha eċċepiet in linea preliminari li l-attriċi kellha ġġib prova li hija interess legali u tagħti prova tat-titolu taż-żiemel u prova li hi l-propjetarja taż-żiemel Super Otto. Il-konvenuta ċaħdet li hi aġixxiet b'imperizja, negliġenza jew naqset milli tieħu miżuri neċessarji waqt li kienet qed tagħti kura liż-żiemel u li kkaġunat xi danni. Tinsisti li hija ma kinitx l-unika persuna li tat kura u assistenza f'Malta liż-żiemel Super Otto.

Ikkunsidrat

**Nuqqas ta' interess ġuridiku u prova tat-titolu**

17. Il-fatti pertinenti għal din l-eċċezzjoni huma s-segwenti. Super Otto kien żiemel tat-tiġrija li twieled l-Iżvezja fid-19 ta' Ġunju 2009. Mill-atti jidher li l-imsemmi żiemel inxtara fil-25 ta' Novembru 2015 u l-ħlas għalih sar minn Carmel Farrugia (missier il-*partner* ta' l-attriċi Charlotte Ciantar) u dan kif anke kkonfermat minnu stess. Il-prezz

imħallas kien ta’ 300,000 krona Svediż (ekwivalenti għal €32,971).[10] Skont il-*Maltese National Lifestock Database*, Super Otto ġie reġistrat f’Malta fit-12 ta’ Diċembru 2015 u ġie reġistrat fuq Matthew Farrugia, iben Carmel Farrugia.[11] Mix-xhieda ta’ Ivan Bugeja, uffiċjal mid-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja stqarr li sal-11 t’Ottubru 2022, ċioe id-data ta’ meta xehed hu, Matthew Farrugia kien għadu reġistrat bħala sid iż-żiemel Super Otto. Svensk Travsport (l-awtorità tal-isport tat-trott) ħareġ ċertifikat ta’ esportazzjoni li fih hemm indikat li s-sid huwa Matthew Farrugia u li ż-żiemel inħareġ mill-Isvezja fid-29 ta’ Novembru 2015.[12] Sussegwentement fis-7 ta’ Jannar 2016, l-imsemmi żiemel ġie reġistrat fis-sistema tal-*Malta Racing Club* fuq Matilda Farrugia (mart Carmel Farrugia u omm Matthew Farrugia).[13] Fis-6 t’April 2016 jidher li saret applikazzjoni sabiex Super Otto jiġi trasferit fuq isem Charlette Ciantar. Din l-applikazzjoni li ġġib it-titolu *Horse Transfer of Ownership Form* ġiet iffirmata biss minn Matilda Farrugia.[14] Fl-istess ġurnata imtliet il-formola *Horse Owner Registration Form* li ġiet iffirmata biss minn Mark Consiglio iżda m’hemm ebda firma ta’ Charlette Ciantar u dan għaliex irriżulta mix-xhieda ta’ Mark Consiglio li din saret permezz ta’ telefonata.[15] Kien għalhekk li fl-istess ġurnata u ċioe fis-6 t’April 2016 li Charlette Ciantar ġiet rikonoxxuta mal-*Malta Racing Club* bħala s-sid ta’ Super Otto.

18. Mill-atti jirriżulta illi l-partijiet iltaqgħu għall-ewwel darba fit-23 ta’ Marzu 2016 (skont il-konvenuta) jew l-24 ta’ Marzu 2016 (skont l-attriċi). Skont l-attriċi l-infezzjoni li wasslet sabiex kellu jitraqqad Super Otto irriżultat fis-26 ta’ Marzu u qabel din id-data iż-żiemel kien b’saħħtu. Min-naħa tagħha l-konvenuta tispjega li l-infezzjoni kienet diġà preżenti l-ewwel darba li iltaqat ma’ Charlette Ciantar u kienet diġà bdiet it-trattament meħtieġ.

19. Hemm żewġ verżjonijiet dwar min inkariga lill-konvenuta sabiex teżamina Super Otto. Filwaqt li l-konvenuta tgħid li kien Ġiljan Farrugia li kellimha l-ewwel darba dwar dan iż-żiemel peress li kien iħarrġu u kien Matthew Farrugia li ċemplilha għal appuntament, l-attriċi tgħid li kienet hi li inkarigat lil Dr. Galea sabiex teżamina ż-żiemel.

[10] Fol 100 tal-proċess.
[11] Fol 200 tal-proċess.
[12] Fol 211 tal-proċess.
[13] Fol 209 tal-proċess.
[14] Fol 216 tal-proċess.
[15] Fol 31 tal-proċess.

20. Lanqas m'hemm qbil dwar min kien qiegħed jieħu d-deċiżjonijiet dwar it-trattament li kellu jingħata ż-żiemel, għaliex filwaqt li l-konvenuta tgħid li kien Matthew Farrugia li kien qiegħed jagħtiha l-kunsens u hu kien ikun preżenti waqt it-trattamenti, tant li fil-5 ta' Marzu 2016 kien iffirma *consent form* u kien indika lilu nnifsu bħala sid iż-żiemel, l-attriċi tgħid li kienet hi li qiegħda tieħu d-deċiżjonijiet kollha. Li hu fiż-żgur, u dan anke għaliex jidher mid-dokumentazzjoni ppreżentata, kienet l-attriċi li qiegħda tieħu ħsieb li Super Otto jiġi trasferit fi klinika barra minn Malta sabiex tiġi mistħarrġa l-kundizzjoni taż-żiemel, possibbilment b'MRI u testijiet oħra meħtieġa.[16] Din il-Qorti tinnota wkoll li r-*Referral Letter* li saret mill-konvenuta fil-5 t'April 2016 lil Cirale indikat lil Matthew Farrugia u Charlotte Ciantar bħala sidien taż-żiemel. Sussegwentement għal din ir-referta, il-kommunikazzjoni kienet qiegħda ssir mal-attriċi kemm min-naħa tal-konvenuta (u dan qiegħed jingħad għaliex ma nġabitx prova li turi li kien hemm kommunikazzjoni ma' Matthew Farrugia jew oħrajn wara din id-data), kif ukoll mill-isptarijiet ġewwa Franza. Jidher li kienet Charlotte Ciantar li tat il-kunsens tagħha sabiex jitraqqad iż-żiemel.

**L-Eċċezzjoni li l-Attrriċi m'għandiex Interess Ġuridiku**.

21. L-ewwel u qabel kollox jeħtieġ li l-Qorti tikkonsidra l-ewwel eċċezzjonijiet tal-konvenuta fejn tilqa' għat-talbiet attriċi tgħid illi "l-attriċi għandha tipprova l-interess ġuridiku tagħha u tagħti prova ta' titolu taż-żiemel in kwistjoni u ġġib prova li hi kienet l-proprjetarja taż-żiemel Super Otto."

22. Opportun qabel xejn jiġu delineati l-elementi li jsawru l-interess ġuridiku li jagħti l-jedd lil min jipposjedih li jadixxi lill-qorti.

23. Huwa kostantement miżmum illi sabiex persuna tista' tintavola kawża jeħtieġ illi l-interess tagħha fil-mertu jkun ikun a) guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta' l-ezistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tieghu; b) dirett u personali: fis-sens li huwa dirett meta jeżisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, personali fis-sens li jirrigwarda lill-attur, hlief l-azzjoni popolari; c) attwali fis-sens li jrid joħrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt (**John Muscat et vs. Rachelle Buttigieg et** - Prim' Awla - 27 ta' Marzu 1990).

[16] Fol 41 tal-proċess.

24. L-interess ġuridiku jrid neċessarjament ikun dirett, leġittimu u attwali. Huwa dirett meta jkun personali jew tal-persuna rappreżentata. Leġittimu meta huwa konformi għad-dritt ta' min ikun għamel il-kawża u ma jridx jeċċedi jew joħroġ mill-miżura tad-drittijiet ta' ħaddieħor. Attwali, fis-sens illi jrid ikun jeżisti fil-mument meta tiġi intavolata l-kawża u jkun jirrigwarda l-preservazzjoni ta' dritt li jkun diġa jeżisti, anke jekk dak id-dritt ikun jiddependi minn xi kondizzjonijiet jew ikun jirrigwarda danni eventwali. (**Joseph Micallef v. Peter Mifsud et.** - Appell (Sede Inferjuri) - 11 ta' Jannar, 2006; **Wing Commander James Maxwell Watson -vs- Leonardo Sacco et** - Prim' Awla - 20 ta' Jannar 1950).,

25. L-elementi tal-interess ġuridiku komplew jiġu elaborati fis-sentenza fl-ismijiet **Emilio Persiano vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija fil-kwalità tiegħu bħala Uffiċċjali Prinċipali tal-Immigrazzjoni** mogħtija mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Jannar 2001:

> "Illi ghal bosta snin il-Qrati taghna fissru li l-elementi mehtiega biex isawru interess tal-attur f'kawza huma tlieta, u jigifieri li l-interess irid ikun guridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali. B'tal-ewwel, wiehed jifhem li dak l-interess ghandu jkollu mqar iz-zerriegha ta' l-esistenza ta' jedd u l-htiega li tilqa' ghal kull attentat ta' ksur tieghu minn haddiehor. Dan l-interess m'hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku [ara, per ezempju, Qorti tal-Appell fil-kawza fl- ismijiet <u>Falzon Sant Manduca vs Weale</u>, maqtugha fid-**9 ta' Jannar, 1959**, Kollezz: Vol: **XLIII.i.1**];
>
> Illi minbarra dawn l-elementi, gie mfisser ukoll li biex wiehed ikollu interess li jiftah kawza, dak l-interess (jew ahjar, il- motiv) tat-talba ghandu jkun konkret u jesisti fil-konfront ta' dak li kontra tieghu t-talba ssir [ara, per ezempju, sentenza ta' din il-Qorti (PASP) moghtija fit-**13 ta' Marzu, 1992**, fil-kawza fl-ismijiet <u>Francis Tonna vs Vincent Grixti</u>, Kollez. Volum**: LXXVI.iii.592**]".

26. L-interess huwa l-miżura ta` l-azzjoni. Dan l-interess għandu karattru personali fis-sens illi l-vjolazzjonijiet biss ghad-drittijiet li jappartjenu lill-attur jawtorizzawh li jintavola l-kawża (**Nike Ventures Limited et vs. John Patrick Hayman et** - Prim' Awla - 15 ta' Settembru 2014).

27. Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħha l-konvenuta qed tilqa' għat-talbiet attriċi billi tinsisti illi mingħajr il-prova li fiż-żmien rilevanti l-attriċi kienet sid iż-żiemel jonqos fiha l-leġittimazzjoni attiva sabiex tippromwovi l-kawża odjerna. L-attriċi intavolat il-

kawża odjerna fuq il-pretensjoni li hija s-sid taż-żiemel mertu tal-kawża. Fil-fatt fl-atti promotur, senjatament fil-paragrafu intitolat "Raġuni tat-talba" insibu kif ġej:

28. Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħha l-konvenuta qed tilqa' għat-talbiet attriċi billi tinsisti illi mingħajr il-prova li fiż-żmien rilevanti l-attriċi kienet sid iż-żiemel jonqos fiha l-leġittimazzjoni attiva sabiex tippromwovi l-kawża odjerna. L-attriċi intavolat il-kawża odjerna fuq il-pretensjoni li hija s-sid taż-żiemel mertu tal-kawża. Fil-fatt fl-atti promotur, senjatament fil-paragrafu intitolat "Raġuni tat-talba" insibu kif ġej:

> " Minħabba l-imperizja u/jew negliġenza u/jew in-nuqqas ta' teħid tal-miżuri neċessarji ta' u da parti tal-intimata fl-eżerċizzju tal-professjoni tagħha inter alia fil-mod u manjiera tal-kura adoperata, kellu jiġi mraqqad iż-żiemel, **proprjeta' tar-rikorrenti**, bl-isemi Super Otto; konsegwenza ta' dan ir-rikorrenti sofriet danni, inkluż iżda mhux limitatament għal telf ta' qliegħ futur, kif ukoll spejjeż oħra."fl-ewwel premessa tgħid li l-konvenuta ġiet inkarigata mill-attriċi sabiex tieħu ħsieb iż-żiemel proprjeta' Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tapplikom għal fatti ta' din il-kawża. L-ewwel li għandu jiġi mistħarreġ sabiex jiġi determinat jekk l-interess huwiex wieħed dirett u personali huwa li tiddetermina min kien sid iż-żiemel." (emfasi tal-Qorti).

29. Huwa ta' importanza massima għall-kweiżit jekk l-attriċi għandix l-interess ġuridiku li tipproponi l-kawża odjerna jekk jiġi misħarreġ qabel xejn jekk irnexxiliex tipprova li jekk hi kenitx sid iż-żiemel fiż-żmien li tallega atti ta' negliġenza profesjonali da parti tal-konvenuta. Mid-dokumentazzjoni li saret referenza għaliha aktar 'il fuq jirriżulta:

(a) Li l-ħlas għax-xiri taż-żiemel sar minn Carmel Farrugia u mhux mill-attriċi;
(b) Id-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja tirrikonoxxi lil Matthew Farrugia, u mhux lill-attriċi, bħala s-sid u dan għaliex Matthew Farrugia huwa mniżżel bħala sid taż-żiemel Super Otto fil-*Maltese National Lifestock Database* sa mill-ewwel darba li ż-żiemel ġie reġistrat hawn Malta, u jidher li hekk baqa' reġistrat tul il-ħajja kollha taż-żiemel*;*
(c) Li l-awtorità Svediża li ħarġet iċ-ċertifikat tal-esportazzjoni taż-żiemel Super Otto indikat lil Matthew Farrugia, u mhux lill-attriċi, bħala s-sid.

30. L-attriċi Charlotte Ciantar f'din id-dokumentazzjoni ma tiffigura imkien.

31. Carmel Ciantar xehed hekk dwar il-ħlas: "*Mort il-bnak, u trasferit il-flus minn kont għal kont. [...] Dan l-istatement jjgħajjat lili [...] Charlette eventwalment daħħlet xi ħaġa tal-flus u talbitni biex neqilbu fuqi wara li għaddietli somma flus. Eventwalment ħallsitni kollox*."[17] L-attriċi fl-affidavit tagħha qalet li : "*iż-żiemel Super Otto oriġinarjament ħallas għalieh Carmelo Farrugia [...] f'ismi u fuq struzzjonijiet tieghi. [...] Kont jien li ridt nixtrih, kont jien li ħallast għalih u kont anke jien li dejjem ħadt ħsiebu*."[18]

32. L-allegazzjoni tal-attriċi li hija għaddiet is-somma ta' €32,000 lil Carmel Farrugia ma ġiet korroborata minn ebda evidenza dokumentarja bħal per eżempju cheque jew bank transfer. Il-Qorti hija konsapevoli ta' dak li xehed Matthew Farrugia dwar il-ħlas u ċioe li jista' jagħti l-każ li peress li Ciantar kienet taħdem għal Carmel Farrugia seta' kien hemm tpartit max-xogħol però din il-Qorti ma tistax toqgħod fuq tali spekulazzjonijiet u anke għaliex ix-xhud imbagħad jgħid li dak qal kien x''jaħseb huwa u li ma jafx eżatt x'ġara.

33. Il-provi kollha juri illi l-ħlas għaż-żiemel sar minn Carmel Farrugia b'mod partikolari dan jirriżulta mill-kopja tal-"Application for Payment Order Outwards" tal-Bank of Valletta datata 25 ta' Novembru, 2015 minn fejn jidher ċar illi l-persuna li qed titrasferixxi fl-esteru s-somma ta' SEK 300,000 ekwivalenti għal €32,971 huwa Carmel Farrugia u mhux l-attriċi.

34. Fir-rigward imbagħad tal-*Maltese National Lifestock Database* il-Qorti tinnota li l-uffiċjal li telgħa jixhed ħalef li sa dak inhar tax-xhieda tiegħu (11 t'Ottubru 2022) Matthew Farrugia kien għadu jidher bħala sid iż-żiemel. Matthew Farrugia jgħid li huwa lanqas biss jaf b'dan iżda ħarġet mix-xhieda tal-uffiċċjal tad-Direttorat li huwa s-sid li jrid jagħmel tali reġistrazzjoni. Għaldaqstant kien Matthew Farrugia stess li irreġistra ruħu bħala s-sid taż-żiemel Super Otto mal-Maltese National Lifestock Database.

35. Ta' min jinnota li huwa obbligu ta' min iżomm jew irabbi żiemel li javża lid-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinajra meta jkun hemm bdil fis-sid u dan sabiex il-passaport u d-*database* tal-ekwini jiġu aġġornati bid-dettalji tas-sid il-ġdid. Dan joħroġ mil-**Leġislazzjoni Sussidjarja 437.30, Regolamenti dwar dokument ta' identifikazzjoni (passaport) li jakkumpanja l'equidae reġistrat**i.

[17] Fol 97 – 98 tal-proċess.
[18] Fol 22 tal-proċess.

36. **Regolament 2** jaqra hekk:

> "Dokumenti ta' identifkazzjoni li jakkumpanjaw equidae reġistrati għandhom jkunu konformi mad-disposizzjonijiet ta' l-Iskeda"

**Sezzjoni I tal-iskeda** titlob informazzjoni dwar is-sid:

> "Sezzjoni I
>
> Sid
>
> Għandu jitniżżel l-isem tas-sid jew l-aġent tiegħu."

Aktar 'l isfel fir-Regolament wieħed isib spjega ta' Sezzjoni I rigwardanti d-dettalji tas-sidien:

> "2. Meta jinbidel is-sid il-passaport irid ikun immedjatament depożitat flimkien ma' l-organizzazzjoni, l-assoċjazzjoni jew s-service aġenzija uffiċjali, waqt li jingħata l-isem u l-indirizz tas-sid il-ġdid, biex ikun reġistrat u mgħoddi lis-sid il-ġdid.
>
> 3. Jekk ikun hemm iktar minn sid wieħed jew iż-żiemel ikun ta' kumpannija, allura irid jiddaħħal fuq il-passaport l-isem ta' min ikun responsabbli għaż-żiemel, flimkien man-nazzjonalità tiegħu Jekk is-sidien ikunu ta' nazzjonalità differenti, huma għandhom jiddeterminaw in-nazzjonalità taż-żiemel."

37. Rilevanti r-**Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/262 tas-17 ta' Frar 2015 li jistabbilixxi regoli skont id-Direttivi tal-Kunsill 90/427/KEE u 2009/156/KE fir-rigward tal-metodi għall-identifikazzjoni tal-*equidae* (Regolament dwar il-Passaport Ekwin)** liema regolament għandu effett dirett u allura applikabbli fil-ġurisdizzjoni Maltija.

Fi **premessa 20** ta' dawn ir-Regolamenti jingħad illi:

> "Skont il-leġiżlazzjoni fl-Istati Membri jew ir-rekwiżit ta' ċerti korpi emittenti, jeħtieġ li jitniżżel it-tagħrif dwar is-sid tal-annimal fid-dokument tal-identifikazzjoni u jitniżżel bħala konsegwenza fil-bażi ta' dejta miżmuma mill-korp emittenti. Barra minn hekk, dan it-tagħrif dwar is-sjieda [sidien] u l-bidla tagħha, tista' tiġi pprovduta f'għamliet differenti ta' ċertifikati ta' sjieda [sidien] jew kards

ta' reġistrazzjoni, inkluża l-“*carte d'immatriculation*” imħaddma tajjeb f'xi Stat Membru.

Imbagħad **Artikolu 10** tal-imsemmi Regolament jipprovdi hekk:

“l-informazzjoni dwar is-sid tista' tingħata fil-format ta' ċertifikat ta' propjetà personali jew ta' karta ta' reġistrazzjoni rreġistrati fil-bażi ta' dejta [*database*] stabbilita b'mod konformi mal-Artikolu 38”

38. Ir-Regolament jgħaddi sabiex jelenka kif għandu jidher u x’għandu jinkludi d-Dokument ta’ Identifikazzjoni għall-*Equidae*. Fost l-informazzjoni mitluba hemm informazzjoni dwar is-sid li tinsab taħt Taqsima IV: “L-*isem tas-sid jew l-aġent jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jingħata kull meta rikjest mill-korp emittenti*.” Din it-taqsima hija spjegata wkoll u ġie spjegat fost oħrajn li:

“2. Meta jinbidel is-sid, id-dokument ta' identifikazzjoni għandu minnufih jingħata lill-korp emittenti, l-organizzazzjoni, l-assoċjazzjoni jew is-servizz uffiċjali, filwaqt li jingħata l-isem u l-indirizz tas-sid il-ġdid, għal reġistrazzjoni ġdida u sottomissjoni lis-sid il-ġdid.

3. Jekk ikun hemm iktar minn sid wieħed jew iż-żiemel ikun ta' kumpanija, allura l-isem tal-individwu responsabbli għaż-żiemel għandu jiddaħħal fid-dokument ta' identifikazzjoni flimkien man-nazzjonalità tiegħu. Jekk is-sidien ikunu ta' nazzjonalità differenti, għandhom jiddeterminaw in-nazzjonalità taż-żiemel.”

39. Din il-Qorti tqis li d-Dokument ta’ Identifikazzjoni u ċioe l-passaport taż-żiemel huwa dokument uffiċċjali. Kopja ta’ dan il-passaport (għalkemm skont ir-regolament dan il-passaport kellu jiġu ritornat lill-awtoritajiet konċernati wara l-mewt taż-żiemel) ġiet ippreżentata mill-attriċi mal-affidavit tagħha. Sfortunatament iżda din il-kopja li tinsab f’paġna 46 sa 51 xejn m’hi ċara u għalhekk din il-Qorti ma tistax tiddetermina jekk attwalment dan il-passaport huwiex vera ta’ Super Otto kif qiegħda tallega l-attriċi u wisq aktar ma tista’ tiddetermina minn dan il-passaport min hu sid iż-żiemel. Dan kien oneru fuq l-attriċi li tressaq prova ċara u inekwivoka li hija kienet sid iż-żiemel de quo fiż-żmien rilevanti. Huwa inspejgabbli kif dik li suppost kellha tkun l-aqwa prova tal-interess ġuridku tal-attriċi, aktar u aktar rinfaċċjata bl-eċċezzjoni preliminari in dizamina, huwa fotokopja ta’ kwalita’ inferjuri immens li allura l-Qorti mhiex f’posizzjoni li tiddeċifra dak fih miktub. Fi kwalunkwe każ fl-ebda mument ma l-attriċi tgħid li isimha qiegħed fuq il-passaport taż-żiemel.

40. Il-Qorti għalhekk trid toqgħod fuq id-dokument uffiċjali li jinstab għand id-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja senjatament il-*Maltese National Lifestock Database*. Fuq dan id-data base l-attriċi qatt ma kienet reġistrata bħala sid iż-żiemel Super Otto. Kif rajna aktar qabel kull bidla fis-sid ta' żiemel għandha tkun reġistrata mad-Direttorat imsemmi fejn jiġi aġġornat sew il-passaport taż-żiemel kif ukoll d-*database* tal-ekwini. Ġaladarba qatt ma kien hemm bidla fuq l-imsemmija *database* (li tali bidla ġġib bidla wkoll fil-passaport), il-Qorti qed tikkonkludi illi l-attriċi ma seħħiliex turi li fiż-żmien rilevanti hija kienet sid iż-żiemel Super Otto.

41. Ingħad fil-linji gwida fuq il-passaport għal *equidae* maħruga fl-4 t'April 2019 mid-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja li

> "*The description of the animal and its marks and the details of the transponder shall be inserted in the application form linked to the National Livestock Database. The Microchipping Unit within the Veterinary Regulation Directorate shall process the related information, produces and issues the Passport*."[19]

42. Mill-provi prodotti jirriżulta illi s-sid taż-żiemel kif reġistrat mal-awtoritajiet kompetenti huwa Matthew Farrugia u mhux l-attriċi Charlette Ciantar.

43. L-attriċi min-naħa tagħha tistrieħ fuq ir-reġistrazzjoni li saret mal-Malta Racing Club. L-ewwel reġistrazzjoni mal-imsemmi club saret fil-5 ta' Frar 2016 u s-sid indikata kienet Matilda Farrugia. Fis-6 t'April 2016 ġiet indikata l-attriċi bħala s-sid. Din il-Qorti tibda billi tosserva li din il-bidla saret l-għada li saret ir-*referral letter* mill-konvenuta lil Cirale ġewwa Franza u fl-istess ġurnata li l-attriċi imliet id-dokumentazzjoni għal informazzjoni dwar iż-żiemel.[20]

44. Sabiex turi l-importanza tar-reġistrazzjoni mal-Malta Racing Club, l-attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet għamlet referenza għal *Malta Racing Club Trot Racing Regulations 2021*. Il-Qorti tagħmel żewġ osservazzjonijiet fir-rigward: l-ewwel waħda hija li dawn ir-regolamenti qatt ma ġew ippreżentati fil-mori tal-kawża, u fit-tieni lok dawn ir-regolamenti m'għandhom ebda forza ta' liġi. Dan magħdud il-Qorti għamlet l-istħarriġ tagħha onlajn u sabet Regolamenti u Dixxiplina: Tiġrijiet taż-Żwiemel 2013 (Verżjoni 2017) u l-artikoli 1.4 u 1.5, li saret referenza għalihom mill-attriċi, jaqraw hekk:

[19] https://agricultureservices.gov.mt/en/vrd/Documents/microChippingSection/guideEquPassport.pdf
[20] Fol 54 tal-proċess.

"**1.4 Is-Sid taż-Żiemel**

1.4.1 Kull sid huwa obbligat li jħallas il-menswalita mal-"Malta Racing Club" sabiex ikun jista' jirreġistra ż-żiemel jew żwiemel fit-tiġrijiet. Il-menswalita tintitolah għad-dħul tat- tiġrijiet kollha miżmuma fil-Korsa matul dak l-istaġun.

1.4.2 Għal kull żiemel trid ukoll titħallas Liċenzja tat-taħriġ sabiex juża l-Korsa. Din titħallas darba fis-sena. Il-Liċenzja tat-taħriġ hija għall-użu tal-korsa u mhux marbuta mad-dritt li żiemel jinkiteb għat-tiġrija. Żwiemel li ma jħallsux il-liċenzji tat-taħriġ ma jistgħux jidħlu fil-korsa u għalhekk japplikaw sospensjonijiet għal dawk li ma jħallsux din il- Liċenzja.

1.4.3 Is-sid/ sidien ta' kull żiemel huma suġġetti għall-approvazzjoni tal-"Malta Racing Club" li jieħu dawn id-deċiżjonijiet fid-diskrezzjoni tiegħu. Wieħed mis-sidien taż-żiemel (jew is-sid uniku f'każ ta' żiemel b'sid wieħed) għandu jiġi nominat bħala "dirigent owner" u s-sid nominat bħala "dirigent owner" irid jaċċetta din in-nomina bil-miktub taħt il-firma tiegħu stess u jiġi approvat ukoll mill-Malta Racing Club. Id-"dirigent owner" huwa:

1.4.3.1 l-uniku persuna li għandu d-dritt jidher quddiem il-Klabb sabiex jiddiskuti u jigi nfurmat b'materji li jikkonċernaw iż-żiemel partikolari.
1.4.3.2 l-persuna li f'ismu joħorgu ċekkijiet ta' kwalunkwe rebħ li jista' jkollu ż-żiemel partikolari.
1.4.3.3 r-rappreżentant tas-sidien l-oħra taż-żiemel partikolari f'okkażjonijiet oħra li jistgħu jiġu deċiżi mill-Malta Racing Club minn żmien għal żmien.

**1.5 Reġistrazzjoni taż-Żwiemel mal-"Malta Racing Club"**

1.5.1 Żiemel ġdid li ser isuq il-Ħadd filgħodu wara l-karozza u jkun irid jagħżel in-numru jkollu jiġi l-"Club" sabiex jitlob numru u jiġi nfurmat l-"istarter".

1.5.2 Biex sid ikun jista' juża l-premises tal-Malta Racing Club għat-taħriġ taż-żiemel tiegħu, l-istess żiemel irid ikun reġistrat fil-kotba tal-MRC. Dan japplika ukoll għat-tluqijiet mal-karozza tal-Ħdud filgħodu. [emendata jew miżjuda fis-sena 2016]

1.5.3 Meta sid jirreġistra żiemel irid jiffirma dokument fejn fost affarijiet oħra jiddikjara ruħu responsabbli għaż-żiemel tiegħu u kull deċiżjoni li tittieħed fuq l-istess. F'każ ta' sidien differenti ta' żiemel wieħed, huma kollha jeħtieġu jiffirmaw dikjarazzjoni dwar min minnhom huwa nnominat bħala "dirigent owner" kif imsemmi f'1.4.3. liema "dirigent owner" ikun fost oħrajn il-persuna li jiddeċidi dwar iż-żiemel f'każ ta' reġistrazzjoni jew scratching minn tiġrija. Id- "dirigent owner" tkun ekwivalenti għal Trainer responsabbli miż-żiemel."[21]

45. Kif jipprovdu l-istess provvedimenti hawn kwotati, dawn ir-regolamenti huma applikabbli fejn jidħol tiġrijiet biż-żiemel. Tant li l-istess dokument jipprovdi li dawn il-provvedimenti huma maħsuba sabiex "jikber dejjem aktar l-isport tat-Tiġrijiet taż-Żwiemel" u sabiex jagħmlu "dan l-isport aktar pjaċevoli u mingħajr periklu għas-saħħa tal-ġerrejja u taż-żwiemel"[22]. L-istess dokument ma jipprovdi ebda proċedura dwar kif wieħed għandu jidentifika ruħu bħala s-sid. Tant li tali reġistrazzjonijiet isiru mingħajr ebda verifika fuq dokumenti uffiċjali, bħal m'huwa l-passaport, anzi Mark Consiglio[23] stess xhed li t-tibdiliet ġieli saru permezz ta' telefonata u tibdil għal fuq Charlotte Ciantar kienet waħda minnhom.

46. Il-Qorti tqis li l-*Malta Racing Club* huwa klabb sportiv li jippromovi u jirregola t-tiġrijiet taż-żwiemel. La hija awtorità pubbliku u lanqas hija aġenzija pubblika.

47. L-attriċi Charlotte Ciantar hija reġistrata bħala sid ta' Super Otto ma' klabb sportiv biss u ma ebda awtorità, aġenzija jew direttorat pubbliku. In oltre tqis ukoll li bdil fl-isem tas-sid ma' *Malta Racing Club* isir mingħajr ebda konsultazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi u mingħajr il-ħtieġa li jiġi ppreżentat il-passaport aġġornat taż-żiemel li juri li hemm bidla fis-sid.

48. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tikkonkludi illi kuntarjament għal dak minnha dikjarat fir-rikors promotur, l-attriċi ma seħħiliex tipprova sodisfaċentement li hija sid iż-żiemel Super Otto. Id-dokumentazzjoni uffiċċjali, li għandha valur probitorju notevoli fir-rigward, turi li sid iż-żiemel huwa ħaddieħor u mhux l-attriċi. Huwa minnu li f'xi żmien hija bdiet tkun involuta u tieħu deċiżjonijiet dwar saħħet iż-żiemel iżda b'daqshekk dan ma jagħmilhiex sid iż-żiemel kif allegat fir-rikors promotur. L-allegazzjoni li ż-żiemel kien nxtara biex ikun ta' l-attriċi ma hiex rilevanti

---

[21] https://www.maltaracingclub.com/media/documents/files/regulations.pdf
[22] https://www.maltaracingclub.com/media/documents/files/regulations.pdf
[23] *Racing Administration Manager Malta Racing Club*.

għaliex jekk verament kienet dik l-intenzjoni id-dokumenti rilevanti kollha juru li s-sid huwa ħaddieħor u mhux l-attriċi.

49. Għaldaqstant il-Qorti qed tiddeċiedi illi l-attriċi ma seħħiliex turi li fiż-żmien rilevanti hija kienet sid iż-żiemel Super Otto. Konsegwentement jonqos fl-attriċi dak l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex tistitwixxi kawża għad-danni konsegwenzjali għall-mewt taż-żiemel Super Otto.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedil-kawża, billi

1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta, tiddikjara illi l-attriċi ma seħħiliex tipprova li hija kienet sid iż-żiemel Super Otto, bil-konsegwenza li ma għandix l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex tistiwixxi l-kawża odjerna;

2. Konsegwentement tillibera lill-konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju;

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
**19 ta' Ottubru, 2023**

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**